**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta' Lulju 2021**

Rikors Numru: 118/21 AL

AB

vs

CD

(MR Nurmu 487/2002)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti ikkontrattaw iż-żwieġ fil-25 ta' Mejju tas-sena 2002 (Dokument SS1) u miż-żwieġ tagħhom kellhom żewġt itfal, xxx illi twieled fl-14 ta' Novembru 2004 u xxx illi twieled fis-27 t' Ottubru 2008.

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Maria Spiteri fl-għoxrin t' April tas-sena elfejn u sbatax (20.04.2017) (Dokument SS2).

3. Illi għalkemm kif ingħid, il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti ġie ppubblikat anqas minn erba' (4) snin, l-istess kontendenti kien ilhom mill-bidu tas-sena 2016 jgħixu mhux flimkien (Affidavit tar-rikorrenti hawn anness bħala Dokument SS3)

4. Illi kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni tagħhom rregolaw l-obligi tal-ħlas tal-manteniment billi l-intimat obbliga ruħu illi jħallas manteniment għar-rikorrenti u għall-imsemmija tfal (Artikolu 7) liema manteniment qiegħed jiġi mħallas regolarment.

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

6. Illi għalhekk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B yal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni m'huwiex meħtieġ illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu gewwa Malta fil-25 ta' Mejju 2002 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, ilkoll minuri;

Illi huwa minnu li l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Maria Spiteri, datat is-17 ta' April tas-sen 2017. Ghalhekk il-partijiet ilhom separati legalment ghal fuq minn erba' (4) snin.

Illi huwa minnu li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi huwa jikkonferma li m'hemm l-ebda problema fir-rigward tal-manteniment ghaliex il-manteniment kif mahsub fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, dejjem jigi vversat puntwalment;

Illi ghalhekk, l-esponenti jaqbel li, issa, il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti;

Ghaldaqstant l-esponenti ma jsib l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti nkluz l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-5 t'April 2021;

Rat ir-risposta tal-intimat u l-affidavit tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' April, 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-

Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.